**85. Il-Ministru tal-Ġustizzja u Kunsilli Lokali, l-Onor. Charles Mangion ppropona:-**

Billi l-artikolu 58 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali (Att Numru XV ta' l-1993) jipprovdi illi "Ħlasijiet għal ħtiġijiet speċjali ta' lokalita' jew lokalitajiet għandhom isiru biss b'eċċezzjoni u wara Riżoluzzjoni għal hekk mgħoddija mill-Kamra tad-Deputati"; u

Billi huwa xieraq li din il-Kamra talloka somma flus sabiex tagħmel tajjeb għal żbilanċi soċjali u demografiċi ta' xi Kunsilli Lokali; u

Billi fl-Estimi għas-sena 1997 il-Kamra tad-Deputati approvat taħt Vot Rikorrenti Numru 31 l-infiq tas-somma ta' żewġ miljuni u ħames mitt elf liri Maltin (Lm2,500,000) għall-ħtiġijiet speċjali lil Kunsilli Lokali;

GĦalhekk qiegħed jiġi b'dan riżolut li somma ta' żewġ miljuni, erba' mija u tmienja u disgħin elf, tliet mija sitta u tmenin liri Maltin (Lm2,498,386) tiġi allokata lill-Kunsilli elenkati fil-Memorandum mehmuż, bħala fondi għal ħtiġijiet speċjali għas-sena finanzjarja tal-Kunsilli Lokali li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 1998.

Il-ħlasijiet lil kull Kunsill (kif muri fil-Memorandum mehmuż) qed jingħataw għall-ħtiġijiet speċjali li ġejjin:

(i) minħabba l-ħtieġa ta' tqegħid ta' paviment speċjali f'toroq u mogħdijiet f'ċentri storiċi;

(ii) minħabba l-ħtieġa ta' tagħmir speċjali f'toroq f'ċentri storiċi;

(iii) minħabba l-bini ta' *playgrounds* għat-tfal f'lokalitajiet fejn m'hemmx;

(iv) minħabba pjani biex jinbnew jew biex ikunu jistgħu jiġu wżati *grounds* tal-*football* f'lokalitajiet fejn ma jeżistux dawn il-faċilitajiet;

(v) minħabba nuqqas ta' faċilitajiet jew tagħmir meħtieġ fuq ix-xtut;

(vi) minħabba l-ħtieġa ta' faċilitajiet u tagħmir għal postijiet ta' rikreazzjoni fil-kampanja;

(vii) minħabba żbilanċ ikkawżat mill-ispiża għaż-żamma u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi li jkunu jeċċedu n-numru stabbilit skond il-popolazzjoni tal-lokalita';

(viii) minħabba żbilanċ li jirriżulta meta l-medja ta' numru ta' residenti għal kull dar tkun ta' anqas minn jew daqs 2.0;

(ix) minħabba żbilanċ ikkawżat bil-frekwenza ta' nies minn barra l-lokalita' għaliex fil-lokalita' jkun hemm għadd kbir ta' ċentri tan-negozju;

(x) minħabba spejjeż li jridu jagħmlu Kunsilli li għandhom *surface area* u popolazzjoni żgħira, liema spejjeż ma ħasbitx għalihom il-formula li tinsab fl-Għaxar Skeda ta' l-Att;

(xi) minħabba toroq li jkunu ser jingħataw wiċċ mill-ġdid (*resurfaced)* bħala parti mill-Programm għat-Tiġdid tat-Toroq;

(xii) minħabba funzjonijiet u obbligazzjonijiet speċjali tal-Belt Valletta;

(xiii) minħabba funzjonijiet speċjali ta' l-Imdina u l-Birgu;

(xiv) minħabba l-introduzzjoni ta' l-iskema pilota ta' Servizzi ta' Gwardjani Lokali.

Biex jintlaħaq l-iskop fl-ewwel kriterju, is-somma allokata għas-sena finanzjarja li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 1998 għandha tkun ta' mhux aktar minn sittin elf liri Maltin (Lm60,000);

Biex jintlaħaq l-iskop fit-tieni kriterju, is-somma allokata għas-sena finanzarjarja li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 1998 għandha tkun ta' mhux aktar minn sittin elf liri Maltin (Lm60,000);

Biex jintlaħaq l-iskop fit-tielet kriterju, is-somma allokata għas-sena finanzjarja li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 1998 għandha tkun ta' mhux aktar minn ħamsin elf liri Maltin (Lm50,000);

Biex jintlaħaq l-iskop fir-raba' kriterju, is-somma allokata għas-sena finanzjarja li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 1998 għandha tkun ta' mhux aktar minn ħamsin elf liri Maltin (Lm50,000);

Biex jintlaħaq l-iskop fil-ħames kriterju, is-somma allokata għas-sena finanzjarja li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 1998 għandha tkun ta' mhux aktar minn ħamsin elf liri Maltin (Lm50,000);

Biex jintlaħaq l-iskop fis-sitt kriterju, is-somma allokata għas-sena finanzjarja li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 1998 għandha tkun ta' mhux aktar minn ħamsin elf liri Maltin (Lm50,000);

Biex jintlaħaq l-iskop fis-seba' kriterju, is-somma allokata għas-sena finanzjarja li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 1998 għandha tkun ta' mhux aktar minn għoxrin elf, mija u tlieta u disgħin liri Maltin (Lm20,193);

Biex jintlaħaq l-iskop fit-tmien kriterju, is-somma allokata għas-sena finanzjarja li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 1998 għandha tkun ta' mhux aktar minn mija u tmienja u tletin elf, disgħa mija u erbgħin liri Maltin (Lm138,940);

Biex jintlaħaq l-iskop fid-disa' kriterju, is-somma allokata għas-sena finanzjarja li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 1998 għandha tkun ta' mhux aktar minn mitejn u disgħa u tletin elf, mitejn u tlieta u ħamsin liri Maltin (Lm239,253);

Biex jintlaħaq l-iskop fl-għaxar kriterju, is-somma allokata għas-sena finanzjarja li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 1998 għandha tkun ta' mhux aktar minn mitejn u ħamsa u sittin elf liri Maltin (Lm265,000);

Biex jintlaħaq l-iskop fil-ħdax-il kriterju, is-somma allokata għas-sena finanzjarja li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 1998 għandha tkun ta' mhux aktar minn miljun u erba' mitt elf liri Maltin (Lm1,400,000);

Biex jintlaħaq l-iskop fit-tnax-il kriterju, is-somma allokata għas-sena finanzjarja li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 1998 għandha tkun ta' mhux aktar minn tletin elf liri Maltin (Lm30,000);

Biex jintlaħaq l-iskop fit-tlettax-il kriterju, is-somma allokata għas-sena finanzjarja li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 1998 għandha tkun ta' mhux aktar minn erbgħin elf liri Maltin (Lm40,000);

Biex jintlaħaq l-iskop fl-erbatax-il kriterju, is-somma allokata għas-sena finanzjarja li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 1998 għandha tkun ta' mhux aktar minn ħamsa u erbgħin elf liri Maltin (Lm45,000).

15.10.1997